# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356)21689168, (0356)21641487
Telefax:(00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.g

Minuti

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Safi

It-Tmien Leġiżlatura

Laqgħa Numru 4/2025

21 ta' April, 2025

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Ħal Safi, fl-5:30pm.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Johan Mula | Sindku |
| Kurt Debono | Kunsillier |
| Joanna Abdilla | Kunsilliera |
| Claire Zammit | Kunsilliera |

Skużat:

| | |
|---|---|
| Francis Callus | Viċi Sindku |

Uffiċċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Doris Baldacchino: | Segretarju Eżekuttiv |

Is-Sindku għarraf lill-Kunsillieri bil-preżenza ta' żewġ rappreżentanti mill-FKMK (NGO) li kienu qed iwettqu proġett fit-trobbija tal-gamiem. Huwa stieden lir-rappreżentanti biex jispjegaw x'kien jikkonsisti l-proġett. Wieħed mir-rappreżentanti spjega li l-ewwel kellha tinbena guva preferibbilment fil-magħluq fil-komunità, *tailor made* għal post fejn ser tintuża, sabiex numru ta' gamiem jgħixu f'din il-guva, jitgħammru u imbagħad il-frieħ tagħhom jitilquhom bħala kontribut għas-sostenibilità tal-gamiem. L-istess rappreżentant għarraf li l-ikel ser ikun iffinanzjat mill-Wild

Birds Unit u li diġa' kien hawn xi Kunsilli li ingħaqdu f'din l-inizjattiva. Wara din l-ispjegazzjoni s-Sindku rringrazzja lir-rappreżentanti tal-FKMK tal-informazzjoni. Ir-Raprezentatanti ħarġu mil-laqgħa. Il-Kunsill iddiskuta din l-inizjattiva u qabel li l-Kunsill jressaq din it-talba quddiem il-kap tal-iskola primarja sabiex it-tfal jitrawmu minn ċkunithom jieħdu ħsieb l-għasafar għaliex Ġnien Sir Alexander Ball kien ftit ristrett biex issir il-guva.

Hawn il-Kunsill għadda għal-laqgħa tal-Kunsill.

**4.0 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

Is-Sindku qal li l-Viċi Sindku kien talab li jkun skużat milli jattendi għal laqgħa għaliex ma kienx jiflaħ. Il-Kunsill qabel li s-Sur Francis Callus ikun skużat mil-laqgħa u sabiex inżommuh fit-talb tagħna.

**4.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Il-Kunsillieri qablu fuq il-Minuti tal-laqgħa preċedenti. Dawn ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

4.1.1 Is-Sindku qal li ref punt 3.1.3 (Ġnien Dun Karm Vella) hekk kif kien miftiehem waqt l-aħħar laqgħa kien ta l-approvazzjoni sabiex il-Perit ta' *Projects Green* ikun jista' jibda jaħdem fuq id-disinn tal-istess ġnien.

4.1.2 Is-Sindku qal li ref punt 3.1.5 (Laqgħa Kunsill mal-Każin tal-Banda u l-Kappillan minħabba l-proġett tal-pjazza) qed jerġgħu jiġu emendati l-pjanti, il-Każin irid jiltaqa' mas-surveyor rigward it-toqob tal-armar tal-festa, imbagħad wara tkun tista' ssir laqgħa oħra flimkien mal-Każin tal-banda u l-Kappillan.

Il-Kunsilliera Joanna Abdilla staqsiet jekk kinitx qed tiġi kkunsidrata l-problema tal-ilma. Is-Sindku kkonferma li fil-fehma tiegħu l-ideal jitbaxxa l-livell tal-pjazza. Is-Sindku qal fuq l-istess nota tal-ilma kien iċċekkja rigward il-ġiebja ta' San Frangisk apparti li hija tal-privat m'għandhiex *overflow* għalhekk impossibbli li tintuża.

4.1.3 Is-Sindku għarraf lill-Kunsillieri li x-xogħolijiet fuq il-bankina ta' Triq Dun Gużepp Caruana kienu bdew u li l-kuntrattur kien għarraf li sakemm jidħlu t-tfal lura l-iskola wara l-vaganzi tal-Għid kellu jlestiha.

4.1.4 Is-Sindku għarraf lill-Kunsillieri li ref punt 3.2.1 li il-palm fir-roundabout ta' Triq il-Karwija konna bdejna naqilgħuh bil-permess tal-ERA li finalment kellhom jitneħħew kollha.

4.1.5 Is-Sindku qal li ref punt 3.2.5 (żbir tas-siġar) issa kien lest għajr il-ficus tal-pjazza li kellna niżbruha aktar tard. Il-Kunsillier Kurt Debono qal li jekk il-ficus tinżabar aktar tard fi żmien il-festa tiġi tidher zkuk weħidha filwaqt jekk isir iż-żbir issa tilħaq tħaddar. Is-Sindku qal li filkaż nerġgħu nkellmu lil min kien qed jiżbrilna s-siġar.

4.1.6 Is-Sindku qal ref punt 3.2.7 (CCTVs) issa kienu qed jaħdmu u li kienu sorveljati mill-LESA. Is-Sindku qal lill-Kunsillieri sabiex jekk xi ħadd jistaqsi rigward il-kameras jgħarrfuhom li l-kameras, apparti l-one way, kienu ukoll hemm anki għal min jipparkja fuq id-double yellow line, u fuq kwalunkwe illegalita' oħra.

4.1.7 Is-Sindku qal li ref punt 3.2.8 (car show) din kienet tħassret u li l-probabbli ser issir is-sena d-dieħla għaliex din is-sena ma setgħux isibu ġurnata addattata.

4.1.8 Is-Sindku qal li l-kuntrattur tal-Kunsill kien żabar iż-żebbuġa ta' quddiem id-dar tal-kappillan fil-presenza tal-espert tas-siġar imqabbad mill-Kunsill. Huwa qal li fl-opinjoni tiegħu s-siġra kienet ġiet pulita' u li l-Kunsill kien żabarha b'tali mod li z-zokk prinċipali jitnaqqaslu ħafna mit-toqol tal-friegħi sabiex nevitaw iktar ħsara. Is-Sindku għarraf li l-Kunsill kien għaddej bit-*treatment* tas-siġra u li fil-frattemp kien qed jiġbor kwotazzjonijiet sabiex isiru r-*rings* maz-zokk kif kien issuġġerixxa l-espert tas-siġar. *I*s-Sindku qal li l-Kunsill kien qed jagħmel dak kollu possibbli biex insalvaw din is-siġra.

4.2 **Komunikazzjoni mis-Sindku**

4.2.1 Is-Sindku qal li nhar il-Ġimgħa 28 ta' Marzu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kienu attendew laqgħa mal-INDIS u l-Enemalta minħabba Triq Carmelo Caruana. Huwa qal li kien hemm ftehim bejn iż-żewġ entitajiet sabiex jibda l-proċess tat-*transfer of assets* jiġifieri li l-arbli li hemm f'din it-triq jgħaddu u jsiru propjeta' tal-Enemalta. Is-Sindku għarraf li wara li jsir dan il-proċess jista' jibda jsir il-manutenzjoni tad-dawl mill-Enemalta.

Is-Sindku qal li issa li t-triq għaddiet lura għand il-*Lands Department* seta' jibda l-proċess biex it-triq tiġi inkluża fil-lista ta' *Arterial & Distributory Roads* sabiex kull problema li jkun hemm inkunu nistgħu ngħadduha lil Gvern Ċentrali.

4.2.2 Is-Sindku qal li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv nhar il-Ħamis 3 ta' April, 2025 kienu ltaqgħu mal-organiser fejn iddiskutew il-possibbilita' li jsir ġemellaġġ uffiċċjali. Is-Sindku spjega l-kriterji sabiex issir l-applikazzjoni biex jingħataw il-fondi li l-probabbilita' jkunu

jkopru kollox għajr il-*flights*. Saret ukoll diskussjoni u l-Kunsill qabel li nmexxu bl-applikazzjoni u jekk isir dan il-ġemellaġġ l-arma ta' Ħal Safi tibqa' kif inhi.

4.2.3 Is-Sindku qal li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kienu attendew laqgħa mal-Kap tal-Iskola Primarja rigward il-librerija. Huwa spjega li l-Kap tal-Iskola hija nkwetata għaliex meta tinfetaħ il-*gate* li hemm fi Triq l-Iskola minħabba l-librerija qed jidħlu xi nies bi żball fil-premises tal-iskola. Is-Sindku qal li issa l-Kap kienet qed tissuġġerixxi li jinfetaħ bieb apposta għal librerija qrib is-*sub station* li jkun b'tali mod li wieħed jkun restritt milli jibqa' għaddej lejn l-iskola. Il-Kunsill iddiskuta possibilitajiet oħra li jistgħu jsiru u qabel li għal issa nistennew u naraw x'ser tkun id-deċiżjoni tal-fondazzjoni tal-iskejjel.

Waqt l-istess laqgħa s-Sindku qal li l-Kap tal-Iskola talbet sabiex isiru toqob fl-art fit-triq in-naħa ta' Triq il-Ħajt Ruman biex ma jidħlux karozzi fil-ħin meta jidħlu u joħorġu t-tfal tal-iskola. Il-Kunsill iddiskuta u qabel ma din it-talba.

4.2.4 Is-Sindku qal fuq l-istess nota kellu talba sabiex isiru t-toqob għal bollards fi Triq iż-Żurrieq ma Triq l-Iskola faċċata li diġa' għandna. Il-Kunsill iddiskuta u qabel ma din it-talba.

4.2.5 Is-Sindku qal li l-*Public Works* kienu bdew iwaħħlu l-madum tal-latrina pubblika u hekk kif ilestu l-latrina tan-nisa kellhom jibdew tal-irġiel.

4.2.6 Is-Sindku qal li nhar it-Tlieta 15 ta' April, 2025 kien attenda laqgħa il-*Public Works* fejn ġew esebiti d-disinni ta' kif ser jiġi restawrat iċ-Ċentru Parrokkjali. Huwa qal li nhar il-Ġimgħa 25 ta' April fil-11:00 ta' filgħodu kien ser isir il-l*aunch* tal-pjanti fiċ-Ċentru Parrokjali u stieden lill-Kunsillieri kollha biex jattendu.

4.2.7 Is-Sindku qal li fl-aħħar laqgħa kien għarraf lill-Kunsillieri li l-Kunsill kien irċieva ittra bl-avukat mingħand sid il-pompa tal-petrol ta' Triq iż-Żurrieq. Is-Sindku spjega li wara r-risposta tal-Kunsill, il-Kunsill kien irċieva ittra oħra b'talba sabiex il-Kunsill jiltaqa' mas-sidien tal-pompa flimkien mal-avukat.

Is-Sindku qal li issa din il-laqgħa saret fejn iddiskutew il-Proġett tal-Pjazza u kif dan kien ser jaffetwa l-pompa tal-Petrol. Is-Sindku spjega li sid il-pompa ma kienx kontra li jsir il-proġett pero' kien qed jitlob li peress li l-karozzi kienu qed jiġu devjati lejn Triq il-Kuċċard, huwa kien ser jinqabeż mill-karozzi u allura xogħolu kien ser jiġi affetwat.

Is-Sindku għamilha ċara li l-Kunsill ma kienx ser jaċċetta li l-pjazza tibqa' *bypass* għal karozzi pero' sid il-pompa ssuġġerixxa li tal-anqas Triq Dun Karm Lia terġa' ssir two ways biex il-karozzi jkunu jistgħu jitilgħu minn din it-triq biex jgħaddu għandu.

Is-Sindku qal li huwa kien avżat li din il-proposta kienet ser titressaq quddiem *Transport Malta* għal konsiderazzjoni tagħhom.

Is-Sindku qal ukoll li sid il-*Convenience Store* ta' Triq iż-Żurrieq kien ser japplika għal *un/loading bay*. Huwa spjega li kien tkellem ma' *Transport Malta* u l-*un/loading bay* ser issir b'*timed parking* għal 15 minuta u ser issir fil-kantuniera ta' Triq Dun Karm Lia. Il-Kunsill qabel.

4.2.8 Is-Sindku għarraf lill-Kunsillieri li nhar l-Erbgħa 21 ta' Mejju, 2025 il-proġett *Garden of Future Generation* kienu ser ilaqqgħu l-*stake holders* kollha sabiex jagħmlu workshop fit-3:00pm. Huwa spjega li l-post fejn ser issir il-laqgħa għadna m'aħniex infurmati.

4.2.9 Is-Sindku qal li nhar it-Tlieta 29 ta' April, 2025 kienu mistednin sabiex jattendu laqgħa mill-*Cleansing Dept* li se ssir fl-MFCC Ta' Qali.

4.2.10 Is-Sindku qal li l-Kunsill kien irċieva risposta rigward l-Għassa tal-Pulizija. Is-Segretarju Eżekuttiv qrat l-ittra lill-Kunsilliera fejn il-Kunsill kien mgħarraf li l-Pulizija ma kinux lesti li jitilqu l-Għassa tal-Pulizija u li kellhom jibdew il-manutenzjoni meħtieġa fiha. Kif titlesta l-mautenzjoni l-Pulizija tal-Komunita' għandhom jitilqu mill-kamra tal-Kunsill u jmorru fl-għassa tal-pulizija. Is-Sindku qal li l-Kunsill kien offra kompromess sabiex il-Pulizija jgħaddu l-għassa lura lill-Każin billi l-Kunsill kien qed jipprovdi post addattat fil-Kunsill fejn jiltaqgħu l-pulizija. Il-Kunsill iddiskuta diversi alternattivi sabiex il-każin ikun jista' jerġa' jieħu lura f'idejh l-għassa jew li almenu tiżdied il-kera tal-għassa tal-pulizija. Pero' finalment din l-azzjoni trid issir mis-sidien tal-post li huwa l-Każin tal-Banda nnifsu.

4.2.11 Is-Sindku spejga li l-Kunsill kien irċieva *specimen tal-agreement* li l-Kunsill ser jiffirma sabiex isiru l-PV panels fuq il-bejt. Huwa spjega li l-ispiża inizjali ser joħorġuha kollha '*The Water and Energy Agency'*.

4.2.12 Is-Sindku qal li kien irċieva talba sabiex issir mera fi Triq il-Karwija ftit l-isfel miż-*żebra crossing* int u ħiereġ minn Triq l-Ibraġġ. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li ssir mera f'dan il-post.

4.2.13 Is-Sindku qal li kemm ilha li fetħet l-ispiżerija l-ġdida fi Triq San Pawl inqalgħet problema għaliex min qed jipparkja quddiemha ġieli qed joħorġu minn wara r-razzett u joħolqu periklu kbir. Huwa qal li l-Kunsill diġà kien approva li ssir *zebra crossing* pero' ma kienx għadu konvint li ser tnaqqas il-periklu mija fil-mija u għalhekk kien qed jissuġġerixxi li jsir Road Safety Audit sabiex janalizzaw din iż-żona u ż-żona tal-kantuniera bejn Triq Kuċċard u Triq San Gwann għall-perikli li hemm u x'jista' jsir biex din titnaqqas. Il-Kunsill

iddiskuta u qabel ma dan ir-rapport u qabel ukoll li flimkien ma' Triq San Pawl nitolbu li jsir Audit ukoll fi Triq San Ġwann kantuniera ma' Triq il-Kuċċard.

**4.3 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

4.3.1 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet li issa l-*Blood Donation* Unit kienu ser jiġu fil-lokalita' ta' Ħal Safi nhar il-Ħadd 22 ta' Ġunju, 2025.

4.3.2 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet li l-mixja għal Puttinu kienet marret tajjeb ħafna u kienu nġabru €500.

4.3.3 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet li l-ħarġa għas-Salib tal-Għolja ukoll kienet marret tajjeb ħafna u kienu grupp sabiħ ta' nies.

4.3.4 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet li l-Kunsill kien għamel il-Via Sagra mar-Reġjun Punent u minn hemm xtaqet tirringrazzjah tal-għajnuna u l-impenn tar-Reġjun.

4.3.5 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet li kellha suġġeriment sabiex fil-ġnien/bandli ikollna *vending machine* għad-drinks. Saret diskussjoni u l-Kunsill qabel li għal issa nsaqsu kif taħdem din l-inizjattiva.

4.3.6 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla staqsiet jekk l-arbuxelli li kien hemm fi Triq Carmelo Caruana kinux ser jinbidlu. Is-Sindku kkonferma li kienu ser jinżergħu arbuxelli ġodda.

4.3.7 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Claire Zammit tat rendikont sħiħ tal-attivitajiet li kienu ser isur fil-*World Book Day* u kif kienu intefqu l-fondi li ġew allokati għal din l-attività.

4.3.8 Il-Kunsillier is-Sur Kurt Debono qal li f'Marzu kien attenda laqgħa rigward il-ġbir tal-iskart. Huwa qal li mill-istatistika jidher li Ħal Safi qiegħed fil-medja tan-nofs meta mqabbla ma' Kunsilli oħra tar-Reġjun. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li l-Kunsill għandu dejjem jibqa' jinkoraġġixxi li jitnaqqas l-ammont ta' skart fil-borża s-sewda.

4.3.9 Il-Kunsillier is-Sur Kurt Debono qal li hemm xi fondi relatati mal-indafa fosthom:

1. Clean Up – li ser issir lejn id-Dog Park – €1,500
2. Tindif intensiv  hemm €3,000 li kien tkellem mal-Contracts Manager sabiex induru l-ħitan tas-sejjieħ mill-ħaxix ħażin għaliex qed ikollna ħafna tgergir. Is-Sindku qal li dejjem qal lill-ħaddiema dak il-ħaxix li jikber u joħroġ 'il barra li jista' jikkawża ħsara lill-karozzi tan-nies inneħħuh mill-ewwel.

3. Separazzjoni għall-iskart għal żmien il-festa li din is-sena nippruvaw nidħlu għaliha.
4. Litter bins bis-separators hemm €2,000.

4.3.10 Il-Kunsillier is-Sur Kurt Debono qal li l-kuntrattur li kien qed jieħu ħsieb il-proġett *ta' New Water* ma kienx qed jagħmel sinjal li t-triq ser tkun magħluqa u jekk jinqala' xi inċident mhux ser ikun hemm aċċess. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li nitkellmu magħhom sabiex iżidu l-aċċess.

4.3.11 Il-Kunsillier is-Sur Kurt Debono qal li l-bandiera ta' Ħal Safi ta' fejn il-mitħna kienet tqettgħet. Is-Sindku kkonferma li kienet ser tinbidel.

4.3.12 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Claire Zammit infurmat lill-Kunsillieri li l-irċevuta tal-materjal li inxtara għall-Via Sagra kienet għaddietha lis-Segretarju Eżekuttiv biex ngħadduha lir-Reġjun.

**4.4 Rapporti**
**Approvazzjoni tal-Audited Financial Statements 2024**

Is-Segretarju Eżekuttiv tat kopja tal-Estimi finanzjarji Awditjat tas-sena 2024 lis-Sindku u l-Kunsillieri kollha. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li l-Accountat tal-Kunsill ma setgħetx tattendi għal laqgħa minflok kienet bagħtet spjegazzjoni tal-adjustments li kienu saru waqt l-awditjar. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat l-adjustments lill-Kunsillieri. Il-Kunsill approva il-Financial Statements għas-sena 2024.

**4.5 Jum Ħal Safi**

Il-Kunsill iddiskuta l-attivitajiet li kienu organizzati bħala ċelebrazzjoniji għal Jum Ħal Safi fosthom is-serata fejn jingħata Ġieħ Premju Onorifiċenza.

**4.6 Espressjoni ta' Interess – Attendant għal Grawnd tal-Futbol**

Is-Sindku qal li l-attendant tal-grawnd kien qed javża li ma jixtieqx ikompli jieħu ħsieb il-grawnd tal-futbol. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li noħorġu sejħa għal attendant ġdid.

Il-Kunsilliera s-Sinjorina Claire Zammit staqsiet jekk jistax il-grawnd tal-futbol jibqa' miftuħ filgħaxija sabiex tfal adoloxxenti jkunu jistgħu jilagħbu l-futbol u fl-istess ħin ikunu miġbura. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li l-aħjar li jsir booking normali il-Kunsill meta jkunu jridu jilagħbu, l-attendant xorta jiftaħ u jagħlaq il-grawnd u l-Kunsill iħallas lill-attendant minflok it-tfal.

**4.7 Applikazzjoni għat-Tielet Sular fuq is-Sala tal-Kunsill**

Is-Sindku qal li huwa kien tkellem mal-Perit rigward il-possibilita' li nibnu sular ieħor fuq is-sala tal-Kunsill. Is-Sindku qal li meta ċċekkja l-local plan, għalkemm madwar il-binja tal-Kunsill hemm indikat kemm jistgħu jitilgħu sulari, il-binja tal-Kunsill m'hemmx indikat. Għal dan il-għan il-perit qed jissuġġerixxi li nitolbu reviżjoni/kjarifikazzjoni tal-local plan biex naraw nistgħux intellgħu t-tielet sular. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għandna nitfgħu l-applikazzjoni għall-reviżjoni.

**4.8 Skema School Grannies**

Is-Sindku qal li waqt il-laqgħa mal-Kap tal-Iskola għarrfitna li l-Kunsill skolastiku kien resqilha l-proposta sabiex l-iskola primarja ta' Ħal Safi jkun hawn l-*ischool grannies*. Is-Sindku qal li din l-inizjattiva diġa' kienet qed titħaddem f'irħula oħra fejn anzjani 'l fuq minn 65 sena jwasslu t-tfal mill-bieb tal-iskola lejn il-ġenituri u vice versa. Is-Sindku qal li l-Kunsill kellu joħroġ is-sejħa għall-ischool grannies sabiex isir l-ingaġġ u wara jingħataw taħriġ mill-*Active Aging*. Il-ħlas għal dan is-servizz ser isir ukoll mill-*Active Aging*. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li napplikaw għal din l-inizjattiva.

**4.9 Korrispondenza**

Is-Segretarju Eżekuttiv tat kopja tal-incoming mail lill-Kunsillieri u saret diskussjoni fuq diversi emails li rċieva l-Kunsill.

**4.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

Il-pagamenti kollha ġew diskussi u approvati unanimament.

**4.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa ntemmet fit-10.03pm. Laqgħa li jmiss ser tkun nhar l-Erbgħa 28 ta' Mejju, 2025 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Iffirmati** | **Iffirmati** |
| Johan Mula | Doris Baldacchino |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |